MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 67**

**Il-Ħamis, 7 ta' Marzu 2024**

Saret il-laqgħa b' urġenza tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, 7 ta' Marzu 2024 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**Assenti:** Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-sur Jonathan Ċefai – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



S Borg

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**67.1 Talba;**

67.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**67.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

67.2.1 Il-Kunsillier Horace Micallef verbalment talab sabiex jiġi skużat. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

67.2.2 Il-Kunsillier Jonathan Cefai bagħat emejl fejn talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

**67.3 Riżultat tal-*interview* għall-ħatra ta' Skrivan u Segretarju Eżekuttiv;**

67.3.1 Is-Sindku qal illi sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar ir-rapporti tal-bord għall-ħatra ta' Skrivan u dik ta' Segretarju Eżekuttiv;

67.3.2 Ġie ppreżentat ir-rapport għal ħatra ta' Skrivan *full-time* minn *Part* 3 tal-Jobsplus u sejħa minn barra. L-*interviews* saru t-Tnejn, 4 ta' Marzu, quddiem il-bord ta' l-*interviews*. L-ebda wieħed mill-kandidati ma kien eleġibbli peress li ma kellhomx il-kwalifiki rikjesti. Il-Kunsill qabel illi jerġa joħroġ l-avviż imma din id-darba għal Skrivan *part-time* peress li *full time* ma nstab ħadd;

67.3.3 Ġie ppreżentat ir-rapport għal ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. L-*interviews* saru t-Tlieta, 13 ta' Frar, quddiem il-bord ta' l-*interviews* magħmul minn George Refalo bħala *chairman*, Sindku Saviour Borg u l-Kunsillier Carmel Farrugia bħala membri tal-bord u Josianne Cassar bħala Segretarja. Il-bord iltaqà wkoll fl-4 ta' Marzu sabiex ikkjarifika xi punti.

67.3.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kandidati ġew hekk kif inhu ġej fl-ordni tal-mertu:

1. Cristine Bartolo Perici;
2. Loretta Cauchi.

67.3.5 Il-membri preżenti unanimament approvaw ir-rapport tal-bord u l-ħatra ta' Christine Bartolo Perici bħala Segretarju Eżekuttiv.

**67.4 Tmiem il-laqgħa.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-5.45pm.

Konfermati, llum it-Tnejn, 22 t'April 2024.

Saviour Borg
Sindku

Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA